**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Frar, 2017**

Numru 9

**Rikors Guramentat Nru. 57/2011**

**Mary Louise Briffa**

**vs**

**Maria Bartolo u Clayton Bartolo u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-20 ta' Jannar, 2011 li jghid hekk:

1. Illi ghal snin twal, ir-rikorreriti gestiet in-negozju ossija hanut bl-isem ta' 'Lyon's Bar' li jinsab fl-indirizz bin-numri ufficjali tletin (30) sa tnejn u tletin (32) fit Triq Santa Teresa, Bormla, ghan-nom ta' huha Mario Bartolo (ID: 671061M) li kien il-proprjetarju ta' dan in-negozju;

2. Illi r-rikorrenti kompliet tiggestixxi dan in-negozju anki fl-assenza ta' Mario Bartolo meta l-istess Mario Bartolo marad serjament u ma kienx f'pozizzjoni li jghinha fil-gestjoni tal-imsemmi negozju;

3. Illi r-rikorrenti qatt ma thallset tax-xoghol taghha u kull profitt li kien jibqa' minn dan in-negozju kien imur ghand l-imsemmi Mario Bartolo;

4. Illi ta' dan is-servizz, Mario Bartolo kien wieghed lir-rikorrenti li kien se jhallilha l-hanut bl-isem ta' 'Lyon's Bar' li jinsab fl-indirizz bin-numri ufficjali tletin (30) sa tnejn u tletin (32) fit Triq Santa Teresa, Bormla, permezz ta' testment;

5. Illi fil-fatt, l-imsemmi Mario Bartolo, permezz ta' testment datat l-10 ta' Novembru, 2008, fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, halla b'titolu ta' legat in piena

proprjeta wara mewtu lil ohtu r-rikorrenti, il-hanut u l-garage numri tletin (30) u tnejn u tletin (32) fi Triq Santa Teresa, Bormla, fil-waqt li istwixxa u innomina bhala eredi universali, proprjetarji u padruni assoluti tal-gid tieghu kollu li ghandu u li ghad jista' jkollu ghal wara mewtu lil martu l-intimata Maria Bartolo u liz-zewg uliedu Clayton u Marilyn;

6. Illi fis-16 ta' Mejju, 2009 l-imsemmi Mario Bartolo miet wara marda qalila;

7. Illi hekk kif saru r-ricerki testamentarji, irrizulta illi l-imsemmi Mario Bartolo kien ghamel testment pubbliku datat l-20 ta' Jannar, 2009 quddiem in-Nutar Dottor Carmelo Lia, li permezz tieghu huwa nehha l-legat mholli lir-rikorrenti fit-testment ta' qabel u minflok halla b'eredi universali u padruna assoluta tal-assi kollha tieghu lil-intimata martu Maria Bartolo;

8. Illi inoltre, mir-ricerki irrizulta wkoll li nhar il-5 ta' Mejju, 2009, u cioe hdax (11)-il gurnata qabel mewtu, l-imsemmi Mario Bartolo ghamel donazzjoni gratuwita u irrevokabbli quddiem in-Nutar Carmelo Lia li permezz taghha trasferixxi favur ibnu Clayton Bartolo, il-korp bini fi Triq Santa Teresa Bormla, konsistenti fil-garage bin-numru tnejn u tletin (32), fil-hanut bl-isem 'Lyons Bar', numri tletin (30) u wiehed u tletin (31) bil-kcina ta' wara u l-kamra ta' fuqu;

9. Illi fl-ahhar xhur u jiem ta' hajtu, sahhet Mario Bartolo tant iddeterjorat illi ma kienx fi stat illi jiehu hsieb tieghu innifsu jew li jaqra u jiffirma xi dokument;

10. Illi r-rikorrenti temmen illi ma kienx Mario Bartolo li iffirma kemm it-testment datat l-20 ta' Jannar 2009 u lanqas id-donazzjoni sussegwenti datata l-5 ta' Mejju, 2009;

11. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku huwa verament sab mezz jaghmel u jiffirma dan it-testment u d-donazzjoni sussegwenti, hu ma kienx f'kundizzjoni fizika u mentali li jaghmel dawn l-atti;

12. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku d-donazzjoni datata l-5 ta' Mejju, 2009 kienet wahda genwina, kif ser jigi trattat ahjar tul din il-kawza ghandu jigi ppruvat li din id-donazzjoni ma setax saret hlief bi frodi, qerq, ingann, u/jew theddid;

13. Illi r-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti intimati ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara li d-donazzjoni datata 1-5 ta' Mejju, 2009 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia hija falza, mhux awtentika u/jew saret minn persuna mhux kapaci taghmel din id-donazzjoni u/jew saret bi frodi, qerq, ingann u/jew theddid u minacci u li fi kwalunkwe kaz dak li hemm miktub f'din id-donazzjoni ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda hielsa ta' Mario Bartolo;

2. Tiddikjara li d-donazzjoni datata kl-5 ta' Mejju, 2009 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia hija nulla u bla effett fil-Ligi;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jagixxi skond dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrulha xierqa u necessarji li taghti lilu fic-cirkostanzi sabiex l-atti Registru Pubbliku jkunu jirrispekkjaw il-verita tal-fatti kif stabbiliti fil-kawza odjerna;

Bl-ispejjez, inkluzi kontra l-konvenuti intimat li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Maria Bartolo u Clayton Bartolo li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandha ai termini tal-artikolu 156(4) tal-Kap. 12 tindika min huma x-xhieda li hija semmiet fit-tielet, fir-raba' u fid-disa' paragrafu tal-lista tax-xhieda taghha.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess, il-konvenuta Maria Bartolo ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija ma kienetx parti mill-kuntratt ta' donazzjoni mertu tal-kawza bl-ispejjez kontra l-attrici.

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet huma nulli fil-konfront tal-konvenut l-iehor Direttur tar-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 460(1) tal-Kap. 12.

4. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess, it-talbiet tar-rikorrenti attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma jezistux l-elementi mehtiega biex tirnexxi t-talba tar-rikorrenti attrici tenut kont li l-kunsens tal-mejjet Mario Bartolo ma kienx vizzjat kif qed jigi allegat u dan ukoll kif jidher mill-kuntratt fl-intier tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat l-atti, ir-rapporti tal-esperti tal-Qorti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza tirrigwarda l-validita ta' kuntratt ta' donazzjoni maghmul min Mario Bartolo, hu l-attrici u r-ragel u missier il-konvenuti Bartolo. L-attrici qed tallega illi d-donazzjoni maghmula min Mario Bartolo fil-5 ta' Mejju 2009 atti Nutar Carmelo Lia hi nulla u bla effett. Din l-allegazzjoni qed tigi bazata fuq tlett premessi:

a) li d-donazzjoni hi falza ghax mhux iffirmata mill-mejjet Mario Bartolo;

b) li d-donazzjoni jekk ffirmata min Mario Bartolo saret minnu meta ma kellux il-kapacita fizika u mentali li jaghmilha;

c) li anki jekk kien kapaci, Mario Bartolo gie mgieghel jaghmel id-donazzjoni bi frodi, ingann, qerq, theddid jew minacci u ma jirrispekkjax l-intenzjoni ta' Mario Bartolo. Dawn l-allegazzjonijiet kollha huma respinti mill-konvenuti.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Mario Bartolo kien ghamel testament fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras fl-10 ta' Novembru 2008 fejn halla b'titolu ta' legat il-hanut u l-garage 30 u 32 Triq Santa Tereza Bormla lil ohtu l-attrici, filwaqt li halla lil martu Maria u lil uliedu Clayton u Marilyn eredi tieghu. Hu fatt illi dan il-hanut kien jappartjeni lil familja ta' Mario Bartolo u kien jiggestih sakemm marad fl-2008 meta jirrizulta li kienet iggestih ohtu u ibnu Clayton ghalkemm jidher li l-flus tad-dhul kienu f'idejn ohtu tant li kienet taghti somma fil-gimgha lil mart Mario Bartolo. Jirrizulta wkoll illi Mario Bartolo kien ibati mill-marda tad-dijabete li naqsitlu d-dawl f'ghanjejh u ftit wara kellu komplikazzjonijiet fil-kliewi fejn sahhtu ddghajfet aktar. Xi xhur wara li ghamel dan it-testment, Mario Bartolo kellu ripensament u qal lil martu u ibnu Clayton. Biddel it-testment u fl-20 ta' Jannar 2009 ghamel testament permezz tan-Nutar Carmelo Lia li ressqu ghandhom missier il-mara tieghu Carmelo Attard li kien ilu jahdem bih ghexieren tas-snin. Jidher li Carmelo Attard gie mitlub isib nutar biex isir dan it-testment. Peremzz ta' dan it-testment Mario Bartolo halla xi legati lil martu fosthom il-hanut u garage in kwistjoni u istitwixxa lilha u lil uliedu eredi. Sadattant sahhet Mario Bartolo baqghet sejra ghall-aghar u ftit granet qabel ma miet cioe fil-5 ta' Mejju 2009 ghamel donazzjoni tal-hanut u garage lil ibnu Clayton. Hu miet fis-16 ta' Mejju 2009.

Din il-kawza tikkoncerna l-validita tad-donazzjoni ghalkemm saret kawza ghal rasha ghall-annullament tat-testment fuq l-istess allegazzjonijiet, bejn l-istess kontendenti (rikors guramentat 56/2011MCH). Il-Qorti ser tillimita ruhha f'din il-kawza kif mitlub rigward il-validita tad-donazzjoni tal-5 ta' Mejju 2009.

L-attrici qed tfassal din il-kawza fuq tlett binarji li ser jigi trattati ghal rashom.

1. Il-firma falza tal-mejjet Mario Bartolo fuq il-kuntratt ta' donazzjoni tal-25 ta' Mejju 2009

Kull min jallega jrid jipprova dak li qed isostni u sakemm ma tingiebx prova tal-fatt allegat, il-konvenut ma ghandux ghalfejn jirribatti l-allegazzjonijiet migjuba. F'dan il-kaz, l-aktar persuna li tista' titfa' dawl fuq il-kwistjoni hu mejjet u ghalhekk huma l-fatti cirkostanzjali li ser jiddefinixxu l-verita tal-allegazzjoni. Il-kwistjoni di principju hi wahda teknika li dwarha tqabbad espert tekniku mil-Qorti ghalkemm, li bhal kull prova teknika gudizjarja din ghandha tinghata piz bhala prova li ma ghandhiex tigi skartata bla raguni oggettivament valida. Il-perit tekniku, espert kaligrafu Joseph Mallia ghamel rapport fil-31 ta' Awwissu 2012 (fol. 51 tal-process) fejn wara li kellu a dispozizzjoni tieghu, diversi dokumenti inkluz tal-isptar u wara jikkompara l-firma ta' Mario Bartolo ma' ohrajn maghmulin minnu kemm qabel u fil-perjodu tat-testment wasal ghal konkluzjoni illi hemm diskrepanzi bejn il-firma fuq il-kuntratt ta' donazzjoni u firem ohra mehuda mid-dokumenti esebiti u mill-file mediku ta' Mario Bartolo. Fl-eskussjoni twila li saritlu pero hu kien aktar car dwar din il-konkluzzjoni. Hu jghid a fol. 137 tal-process 56/2011MCH:

> Jien qed nghid illi fuq id-dokument B (cioe t-testment – kliem mizjud tal-Qorti) li sar qabel id-dokument C, donazzjoni gratwita, il-firem ta' Mario Bartolo fuq id-dokument B kienu stabbli u l-karateristici kienu identici. Li qed nghid illi fuq il-firma li hemm fuq id-donazzjoni gratwita ma hijiex ta' Mario Bartolo, ghal fatt illi l-karateristici kordinati flimkien fil-firem ta' Mario Bartolo fuq id-dokumenti l-ohra ma jirrizultawx.

Tenut kont tal-istat ta-sahha li kienet iddeterjorat sew meta saret id-donazzjoni, l-espert zied a fol. 137-138 tal-process 56/2011MCH:

> Le u tajt allowance bil-kundizzjoni ta' sahha tal-persuna, ghaliex il-handwriting, meta wiehed jigi biex janalizza l-handwriting mhux jigsaw puzzle jekk hux dan id-disinn jew dan id-disinn. Il-handwriting hija dak li jittrazmetti l-mohh inti qed tiktbu b'idejk.
>
> Barra minn hekk, jekk wiehed ukoll jara d-dokumenti komplessivament kollha kemm ta' Maria Bartolo, allegatament ta' Mario Bartolo, Clayton Bartolo, firma tan-Nutar Pubbliku, qed nirreferi ghat-tabella numru 19 wiehed jara illi l-angolu illi bih saru l-firem huwa angolu stabbli. Meta bniedem f'din il-kundizzjoni ta' kitba jigi biex jiffirma hija haga, biex nghidu hekk next to impossible li jibqa' fl-istess flow tal-firem l-ohra. Irrid ikun hemm dawn il-kwalita' ta' tread minhabba ragunament ta' sahha qed nifhem jien, jien mediku ma jienx, pero' dik il-firma ma setghat tkun daqshekk parallel mal-ohrjan, setghat kienet aktar lejn il-lemin jew ix-xellug. In fatti meta l-kalligrafija ta' Mario Bartolo kienet qed tigi questioned minhabba raguni ta' sahha, jekk immorru ghad-dokument B Mario Bartolo baqa' jiffirma anke fuq il-kliem li kien kiteb in-Nutar u dan jirrizulta ghaliex il-kitba ta' Mario Bartolo hija fuq il-kitba tan-Nutar mhux taht il-kitba tan-nutar.

Hu jikkonkludi hekk a fol. 139 tal-process 56/2011MCH:

> Jien fil-konkluzzjonijiet qed nghid illi l-firma ta' Mario Bartolo fuq id-donazzjoni gratuwita ma fihix il-karateristici li ghandu Mario Bartolo, wasalt fil-konkluzzjoni li ma ffirmajix.

Din il-konkluzzjoni tikkontrasta mal-persuni li kienu prezenti ghad-donazzjoni cioe mart u bin Mario Bartolo cioe Clayton Bartolo u n-Nutar Carmelo Lia. L-attrici ma kinitx prezenti u ghalhekk ebda kontribut ma jista' jinghata ghas-soluzjoni tal-vertenza. Bint il-mejjet Marilyn, ma ssemmi xejn dwar id-donazzjoni ghax ix-xiehda taghha hi limitata ghat-testment u mhux ghal kuntratt ta' donazzjoni.

Il-konkluzjonijiet tal-espert kaligrafu huma kontrastati ma' dawk tan-Nutar Lia li sostna li ra lil partijiet jiffirmaw il-kuntratt. Ibnu Clayton ukoll isostni li hadd ma ghin lil missieru jiffirma l-kuntratt ta' donazzjoni. L-istess issostni mart Mario, Maria Bartolo li xehdet li zewgha kien marid u ffirma kif seta'.

Il-Qorti taghmel referenza ghal zewg punti legali li jitnisslu minn dawn il-provi. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia et**, PA 05/10/2004:

> Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (Prim.Awla [MCC] Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia – 24.11.1966)
>
> Jigu osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et - 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet (App. Civ. Paul Vassallo et vs Carmelo Pace [1986] Vol.LXX.II.144). Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.

It-tieni punt legali li jitnissel jirrigwarda l-piz li ghandu jinghata lir-rapport tal-espert kaligrafu mqabbad mill-Qorti. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Joseph Calleja noe vs John Mifsud**, deciza fid-19 ta' Novembru 2001:

> Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.

L-istess Qorti qalet ukoll fil kawza **Grima vs Mamo et noe**, deciza fid-29 ta` Mejju 1998:

> In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b`mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami

In oltre kif ziedet l-istess Qorti fil-kawza **Bugeja et vs Muscat et**, deciza fit-23 ta` Gunju 1967:

> Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni pero ma ssibx raguni tant serja li tista' tiskarta l-opinjoni teknika bbazata fuq esperjenza u ragunijiet xjentifici li din il-Qorti zgur ma tipposjedix. Hu minnu illi l-persuni prezenti ghal kuntratt ta' donazzjoni jsostnu li Mario Bartolo iffirma l-kuntratt ta' donazzjoni, madankollu r-rizultanzi tal-espert kaligrafu jeskludu li l-firma hi ta' Mario Bartolo. Din il-Qorti ssib solliev u accettazzjoni aktar facili ma' din il-konkluzjoni tal-espert tekniku

mill-fatt li ghaxart ijiem wara dan il-kuntratt, waqt li kien l-isptar Mario Bartolo lanqas kien kapaci jiffirma d-dokument moghti lilu u ghamel salib. Il-Qorti ghalhekk qed taghti sahha lir-rapport tal-espert kaligrafu li l-firma ta' Mario Bartolo fuq il-kuntratt ta' donazzjoni mhix awtentika. Il-Qorti mhix qed tikkononkludi li b'daqshekk Mario Bartolo gie mgieghel jaghmel id-donazzjoni jew gie sfruzat jew imqarraq izda biss illi l-firma fuq id-donazzjoni ma hix il-firma awtentika ta' Mario Bartolo. Ghal din ir-raguni il-Qorti tqis illi l-allegazzjoni attrici hi pruvata u ogettivament ghalhekk ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga l-allegazzjonijiet l-ohra maghmula.

In kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuti Bartolo li l-azzjoni hi monka fil-konfront tad-Driettur tar-Registru Pubbliku ghax mhix preceduta minn ittra ufficjali taht l-artikoli 460(1) tal-Kap. 12 jidher li l-konvenuti ma ghandhomx interess guridiku jaghmlu tali eccezzjoni u fi kwalunkwe kaz anki jekk jitqies li tali artikolu hu ta' ordni pubbliku d-Direttur tar-Registru Pubbliku irrisponda ghal kawza u isottometta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti fuq il-mertu.

In kwantu ghall-eccezzjoni li t-tielet talba attrici hi insostenibbli ghax ma hi bazata fuq ebda artikolu tal-ligi taht il-Kap. 56, din il-Qorti tqis illi l-attrici ma gabet ebda raguni kontra dan l-argument pero hi dejjem fil-poter tal-Qorti li taghti dawk il-provvedimenti necessarji biex jigi attwat b'mod shih decizjoni taghha specjalment ghal fini ta' pubblicita fil-konfront ta' terzi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici u tiddikjara li l-kuntratt ta' donazzjoni datat 5 ta' Mejju 2009, fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia bejn Mario Bartolo u Clayton Bartoli hu null u bla effett ghax il-firma ta' Mario Bartolo ma tirrizultax awtentika u ghal fini tat-tielet talba tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel annotazzjoni fuq il-kuntratt u n-nota tal-insinwa meta gie registrat l-att li juri li dan il-kuntratt gie annullat b'sentenza ta' din il-Qorti.

Spejjez ibatuhom il-konvenuti Bartolo.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur